MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Mandat Numru. 1537/2007/1

**Sarah Tabone**

**vs**

**George Tabone**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Semghet ix-xhieda prodotta.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12.

Il-ligi timponi zewg rekwiziti ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni, zewg rekwiziti kumulativi. L-ewwel hija n-necessita` tal-hrug tal-mandat ghall-harsien tad-drittijiet li r-rikorrent jghid li ghandu u, imbaghad, irid jigi pruvat ghall-anqas *prima facie* li r-rikorrent ghandu dritt li jghid li ghandu.

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma rnexxilhiex tissodisfa dawk iz-zewg rekwiziti.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tirrevoka d-digriet taghha tas-16 ta` Ottubru, 2007 u tichad it-talba.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------